



0136/2016

12.12.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tifikira tal-vittmi tal-Olokawst u l-appoġġ għall-ħolqien taċ-Ċentru ta'
Tifikira tal-Olokawst ta' Babi Yar

**Ioan Mircea Pașcu (S&D), Petras Auštrevičius(ALDE), Bas Belder(ECR),
Michał Boni (PPE), Rebecca Harms (Verts/ALE), Frédérique
Ries(ALDE), Charles Tannock (ECR), Hannu Takkula (ALDE), Boris
Zala (S&D), Janusz Zemke (S&D)**

Data ta' skadenza: 12.3.2017

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, dwar it-tifikira tal-vittmi tal-Olokawst u l-appoġġ għall-ħolqien taċ-Ċentru ta' Tifikira tal-Olokawst ta' Babi Yar¹

1. Din is-sena tfakkar il-75 anniversarju mit-traġedja ta' Babi Yar, li seħħet fi Kiev, l-Ukrajna. B'kolloks, kien aktar minn 1.3 miljun persuna Lhudija li ngħataw il-mewt f'Babi Yar, Mizoch, u postijiet oħra fil-qrib.
2. Taħt ir-reġim Sovjetiku, it-traġedja ta' Babi Yar inżamm sigriet għal bosta snin, u t-tfakkir tagħha kien ipproġbit.
3. Wasal iż-żmien li din is-sitwazzjoni tinbidel. Ir-riżultati tar-riċerka u x-xogħol akademiku fil-fond dwar Babi Yar iridu jiġu integrati fl-edukazzjoni Ewropea.
4. Il-proġett li ngħata bidu mis-Sindku ta' Kiev, Vitaly Klitschko, u li hu appoġġjat mill-President tal-Ukrajna, Petro Poroshenko, biex jiġi stabbilit iċ-Ċentru ta' Tifikira tal-Olokawst ta' Babi Yar fi Kiev, għandu jintlaqa' tajjeb.
5. Il-Parlament Ewropew, kif ukoll l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, għandhom iwettqu rwol sinifikanti fl-istabbiliment u l-appoġġ ta' din l-istituzzjoni. Minħabba li l-appoġġ għall-ideat extremisti u faxxisti qed jikber madwar l-Ewropa, l-edukazzjoni dwar l-Olokawst qed issir aktar rilevanti u urġenti.
6. Il-viżjoni ta' Martin Schulz, President tal-Parlament Ewropew, li għandha l-għan li tfakkar it-traġedja u ssaħħaħ il-pedamenti komuni tagħna għal futur aħjar, għandha tiġi rispettata.
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmsata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.